MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-1 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 1853/2002

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera assikurattrici Norwich Union International Insurance Limited u dawn kif surrogati fid-drittijiet tal-assikurat taghhom Charles Pace sia bil-polza u sia bil-ligi**

**vs**

**Giuseppe Agius**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-2 ta' Awissu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u tnejn u tletin lira Maltija u erbgha u erbghin centezmu (Lm632.44) jew kull somma ohra verjuri, danni minnhom sofferti in segwitu ghall-incident stradali li gara gewwa l-Qrendi fil-5 t'Ottubru, 2000 bejn il-vettura EBD-717 proprjeta` ta' l-attur Charles Pace u assikurata b'polza comprehensive mas-socjeta`**

**assikurattrici attrici u l-vettura numru ta' registrazzjoni ABH-596 misjuqa mill-konvenut, u ghal liema incident kien jahti unikament il-konvenut minhabba traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku prevja d-dikjarazzjoni illi ghal dan l-incident kien jahti unikament l-istess konvenut;**
**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-12 ta' Jannar, 2001, u dawk ta' l-ittra ufficjali mibghuta mal-avviz kontra s-socjeta` assikurattrici tal-konvenut, u bl-imghax legali mis-17 ta' Jannar, 2001 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-28 ta' Awissu, 2002, fejn intqal illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-incident tat-traffiku li gara fil-5 ta' Ottubru, 2000, ma garax tort tal-konvenut, izda gara unikament tort ta' Steve Pace is-sewwieq tal-vettura numru EBD-717 u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**
**Salv eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' Giuseppe Agius, Steve Pace, Anthony Savona, PS 577 Joseph Abdilla. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esibiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Illi dan il-kaz jirrigwarda incident awtomobilistiku li sehh fil-5 ta' Ottubru, 2000, bejn il-vettura EBD-717 misjuqa minn Steve Pace u proprjeta` ta' l-attur, u l-vettura ABH-596 misjuqa mill-konvenut. L-incident gara fi Triq it-Tempesta, Qrendi, u z-zewg vetturi kienu mexjin fl-istess direzzjoni fl-imsemmija triq.**
**2. Steve Pace jghid li kien miexi fi-direzzjoni ta' L-Imqabba fil-karreggjata ta' gewwa. Ra lill-konvenut gej minn warajh fuq in-naha ta' gewwa, b'velocita`, zamm brake u tkaxkar minn fuq ix-xellug, u laqat lil Pace fil-**

**genb kollu tax-xellug. Pace jghid li l-konvenut ghamel manuvra biex jissorpassah minn gewwa. Jirrizulta li xi hamsin metru qabel Pace kien hareg bil-mod minn “side street” u mexa fil-karreggjata li fiha kien gej il-konvenut.**

**3. Il-konvenut kien qed isuq fuq ix-xellug ta’ Triq it-Tempesta. Skond il-konvenut l-attur kien fuq il-lemin tieghu, u f’waqt minnhom dar minghajr ma ghamel sinjal u saret il-kollizzjoni. Hu jikkonferma li malli rah jikser zamm brake, pero` kien hemm iz-zrar u xorta laqtu.**

**4. Is-Surgent PS577 Joseph Abdilla jikkonferma li l-konvenut halla brake marks twal 10.80metri.**

**5. Kif spiccaw il-vetturi, skond ma indikat fl-isketch, li mieghu jaqblu l-partijiet, l-indikazzjoni hi li l-attur tassew kien qed jaghmel manuvra biex jikser. Mill-lat l-iehor jirrizulta ukoll li l-konvenut kien ghaddej imharrek, tenut kont ukoll li hemmhekk hemm iz-zrar. Jirrizulta inoltre li mhux minnu dak li qed isostni l-attur meta jghid li kien miexi fil-karreggjata ta’ gewwa, ghax anke minn kif spiccaw il-vetturi, jidher li fil-fatt l-attur kien pjuttost miexi f’nofs il-karregjata tax-xellug, dana apparti l-fatt li kien hareg minn “side street” u b’hekk gie li seta’ ostakola dak li l-konvenut kien jahseb li kienet triq libera quddiemu.**

**6. Fic-cirkostanzi, jidher li, kemm din il-manuvra tal-hrug mit-triq sekondarja li sehhet qabel, kif ukoll il-manuvra minghajr pre-avviz ta’ l-attur biex jikser, kienu il-kagun principali ta’ l-incident. Ghalkemm ghandu jinghad li kien hemm certa kontributorjeta` da parti tal-konvenut minhabba il-velocita` li biha kien ghaddej, u l-manuvra li jidher li kien intent li jaghmel, ossija li jaqbez lill-attur minn gewwa.**

**7. It-Tribunal hu tal-fehma li fic-cirkostanzi, il-htija principali ghall-incident hija ta’ l-attur, pero` kien hemm kontributorjeta` da parti tal-konvenut, minhabba l-velocita` li ma ppermettitlux jieqaf fil-hin. Ghalhekk it-Tribunal qed jalloka zewg terzi tal-htija lill-attur, u terz tal-htija lill-konvenut.**

**8. Id-danni gew pruvati, skond ma jirrizulta mid-dokumenti esebiti, apprti spejjez tar-road accident**

**report u tas-survey, u dana skond l-ammont mitlub fl-avviz.**
**9. Ghalhekk in kwantu l-konvenut kien jahti biss fi grad ta’ terz ghall-incident li sehh, jigi li dan ghandu jaghti lis-socjeta` attrici biss is-somma ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm210.81).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal in kwantu l-konvenut kien jahti biss fi grad ta’ terz ghall-incident li sehh, qed jilqa’ t-talba attrici limitatament fis-somma ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm210.81), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u ghaxar liri Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm210.81) bl-imghax legali li jibda jiddekorri mill-lum sad-data tal-pagament effettiv.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta’ dina l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghall-zewg terzi mis-socjeta` attrici u terz mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------